**Is-Sitt Stazzjon tal-Via Lucis**

**Nerġa' nemmen** **poeżija ta' Jonathan Balzan**

Urini riġlejk w jdejk l-imtaqqbin Mulej.
Naqqsitli l-fidi puwerili int Feddej.
Quddiem xbihetek pjaga għarkupptejja
ħarstek ma narahiex tiffoka lejja...

Taptap fuq spallejja tul ġrajjiet ħajti,
għorokli għadmi fraġli u sfiduċjat
biż-żejt tal-ħuta li Int pinġejtha fl-art.

Serraħni minn dan it-tħassib u taħwid
ħa' nerġa' nifhem li int il-veru Sid.

## Il-Mulej Irxuxtat Jidher lid-Dixxipli

(Luqa 24: 36 – 43).



*Kif kienu għadhom jitkellmu, Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Huma twerwru bil-biża' għax ħasbu li qegħdin jaraw xi fantażma. Iżda hu qalilhom: "Għaliex tħawwadtu? Għaliex dan it-tħassib kollu f'qalbkom? Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni, u ifhmuha li l-ispirtu ma għandux laħam u għadam bħalma qegħdin taraw li għandi jien." Huwa u jgħidilhom dan, uriehom idejh u riġlejh. Iżda billi huma, fil-ferħ tagħhom, kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba, qalilhom: "Għandkom xi ħaġa ta' l-ikel hawn?" Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija, u hu ħadha u kielha quddiemhom.*